# # MOVIMENT FAVUR IL-ĦAJJA

**Lill-Prim Ministru l-Onor. Dr. Joseph Muscat**
**Lill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Dr. Adrian Delia**
**Lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati l-Onor. Dr. Anġlu Farrugia**

**Kopja lil-President tar-Repubblika, l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca**

7 ta' Mejju 2018

**Suġġett:** **Diskussjoni dwar l-Abbozz Numru 37 tal-2018 li jipproponi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni**

Ħadna nota tal-appell li għamlet il-President tar-Repubblika meta fil-25 ta' April 2018, appellat ***"għall-kalma u għal perjodu itwal ta' riflessjoni sabiex jinstemgħu l-vuċijiet dwar l-emendi li qed jipproponi l-Gvern għall-liġi dwar il-protezzjoni tal-embrijuni"***.

Kelliema tal-Uffiċċju tal-President qalet lil *Newsbook* fit-28 ta' April 2018 li wara d-diskussjoni li l-President kellha mal-Ministru għas-Saħħa, is-sentiment kien ***"li f'dan l-istadju importanti tal-proċedura parlamentari, meta permezz tal-Kumitat tal-Abbozz, tkun qed issir id-diskussjoni fuq is-sustanza tal-liġi kif ukoll jistgħu jsiru l-emendi għall-liġi, il-Gvern se jkun qed jagħti spazju għal aktar konsultazzjoni u diskussjoni mal-partijiet interessati"***.

Madankollu, minn dak li qed jiġi irrapportat fit-*Times of Malta* fit-3 ta' Mejju 2018, liema rapport jesprimi t-tama tal-President li l-konsiderazzjonijiet etiċi u morali jiġu indirizzati qabel l-Abbozz jintbagħat għandha, l-istess rapport jgħid li l-mod ta' kif il-Gvern irid imexxi l-proċedura parlamentari mhux ser twassal għal konsultazzjoni u diskussjoni mal-partijiet interessati.

L-istess gazzetta irrapportat lill-Ministru għas-Saħħa jgħid li l-Kumitat li jfassal ix-xogħol tal-Kamra li ser ikun hemm konsultazzjoni pubblika wiesa' qabel l-Abbozz jasal għat-tielet qari. Jidher li l-Gvern qiegħed jippjana l-vot finali għall-4 ta' Lulju 2018.

Inżammu numru ta' seduti twal it-Tnejn u t-Tlieta biex jiġi magħluq it-tieni qari, biex imbagħad il-Kumitat tal-Kamra li ser jeżamina l-liġi jiltaqa fil-forma plenarja biex skont il-Gvern, ikun hemm parteċipazzjoni wiesa' tal-Membri Parlamentari.

Madankollu, din il-proċedura mhux ser tħalli li jsiru intervent diretti mill-partijiet interessati u mill-esperti, li ser ikunu limitati biss li jagħtu pariri lil xi membru tal-Kamra li jkun ser jitkellem.

**Fil-fehma tagħna, dan mhux il-mod idoneu kif issir konsultazzjoni wiesa' ħielsa mill-partiġġjaniżmu kif talbet il-President. Għall-kuntrarju, dan huwa metodu li jxekkel il-**

**konsultazzjoni billi jillimita l-parteċipazzjoni għall-Membri Parlamentari ad esklużjoni tal-esperti u l-partijiet interessati.**

1. *Il-metodu propost qed jillimita d-diskussjoni għall-Membri Parlamentari, liema limitazzjoni ma tagħtix spazju għal konsultazzjoni ġenwina u diskussjoni onesta mill-partijiet interessati.*

2. *L-għaqdiet firmatarji u esperti li jixtiequ jsemmgħu leħinhom ser ikunu sfurzati jsibu membri parlamentari sabiex ikunu l-portavuċi tagħhom. Il-materja taħt diskussjoni hija waħda teknika u delikata. Huwa ħażin li membru parlamentari jkun mitlub jirrepeti dak li jkun jista' jesprimi espert meta tali espert ikun jista' jispjega bil-wisq aħjar u b'mod aktar ċar.*

3. *Din il-proċedura ser tisforza lill-partijiet interessati u lill-esperti sabiex jidentifikaw ma' naħa jew oħra tal-ispettru politiku u b'hekk jiċċappsu, inaqqsu l-kredibilità tagħhom u jkunu esposti għal kritika li kellhom aġenda partiġġjana għax avviċinaw membru parlamentari partikolari u mhux ieħor.*

   *L-esperti jew partijiet interessati għandu jkollhom il-possibilta li jressqu l-argumenti tagħhom minghajr affiljazzjoni politika.*
   *L-għan taghna ilkoll jibqa li ngħinu koppji infertili, b'rispett shih ghal hajja u ghad-drittijiet fundamentali tat-tfal li jitwieldu minn din it-teknoloġija want li tingħata attenzjoni xierqa ghall-konsiderazzjoniet morali u etiċi u b'hekk ikollna ligi ahjar.*

Għaldaqstant, is-sottofirmati qegħdin umilment jitolbu sabiex il-Kamra tad-Deputati tikkonsidra taddotta metodu ta' diskussjoni li jippermetti parteċipazzjoni wiesa' ta' Membri Parlamentari, esperti u partijiet interessati fl-ispirtu tat-talba li għamlet il-President ta' Malta.

Il-President talbet li ssir diskussjoni bejn il-partijiet kollha, mhux dibattitu fil-konfini tal-Kamra tad-Deputati, u dan sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu l-ilħna kollha fid-diskussjoni dwar l-Abbozz li jipproponi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Konxji li barra l-ghaqdiet li iffirmaw din l-ittra, hemm numru dejjem jikber ta' Assocazzjonijiet li huma ukoll ghandhom kontribut x'jaghtu fost ohrajn l-Association of Paediatricians, l-Association of Social workers, Il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Psikoloġija Adlerjana (MAPA), Speċjalisti u Akkademiċi, Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, il-Prof. Andrew Azzopardi Dekan, Faculty for Social Wellbeing, Dr George Vella, Dr Deborah Schembri,u ohrajn.

Is-sottofirmati huma fiduċjużi li t-talba tagħhom tista' tiġi milqugħa sakemm in-naħat kollha tal-Kamra jaqblu dwar dan.

Fid-dawl ta' dan, is-sottofirmati umilment jitolbu li l-Kamra tad-Deputati ssib jew toħloq proċedura biex id-diskussjoni segwenti tkun tassew miftuħa, ġenwina u onesta u tinkludi lill-partijiet kollha interessati.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem,

Dejjem tagħkom.

Dr. Miriam Sciberras, Life Network Foundation Malta

Malta Unborn Child Movement

Gift of Life Foundation

Association of Paediatricians

National Council of Women

Geneticists, Molecular and Cellular Biologists

Cana Movement

Jean Pierre Fava Xjenzat lokali li ppublika artiklu co authored ma riċerkatriċi ,akkademika ta kalibru internazzjonali Maureen Condic

Prof. Andrew Azzopardi Dean, Faculty for Social Wellbeing , Head, Department of Youth and Community Studies University of Malta

Association for Consumer Rights Malta
Grace Attard
General Secretary

University Academics Group (100)